MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 180/2007

**Xalat Co. Ltd**

**Vs**

**Saviour Micallef**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Gunju 2007, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ elfejn tlett mija u tmenin lira u hamsa u tmenin centezmu Maltin (LM2,380.85) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ elfejn, mitejn u tlieta u erbghin lira u hamsa u tlettin centezmi Maltin (LM2,243.35) prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut li baqghet ma thalsitx w in kwantu ghas-somma ta’ mija u sebgha u tlettin lira Maltin u hamsin centezmi (LM137.50) rapprezentanti prezz ta’ hamsa u hamsin kaxxa tal-pitkalija mibjugha lill-konvenut li baqghu ma thalsux.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata dsatax (19) ta' Dicembru 2006 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt 'n subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat bir-rikors nhar l-erbgha (4) ta' Frar 2008 kif jirrizulta mit-timbru tal-Marixxal Raymond Falzon a fol. 10 tergo.

Illi fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar 2008, il-konvenut naqas li jidher il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet attrici w s-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tieghu.

Rat illi fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar 2008 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi t-talba attrici ma hiex kontestata w ghandha tigi milqugha.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u tmenin lira u hamsa u tmenin centezmu Maltin (LM2,380.85) ekwivalenti ghal 5544.76 Euro, rapprezentanti 'n kwantu ghas-somma ta' elfejn, mitejn u tlieta u erbghin lira u hamsa u tlettin centezmi Maltin (LM2243.35) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut li baqghet ma thalsitx, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------